ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Agħti l-fehma tiegħek dwar ir-restrizzjoni taċ-ċomb proposta għall-isparar fuq barra, għall-kaċċa u għas-sajd

## L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tistieden lill-partijiet ikkonċernati biex jibagħtu informazzjoni xjentifika u teknika dwar l-użu taċ-ċomb fil-munizzjon għall-kaċċa u għall-isparar sportiv kif ukoll fis-sajd sal-24 ta' Settembru 2021.

**Ħelsinki, l-24 ta' Marzu 2021** - Din il-konsultazzjoni fuq sitt xhur tibda fl-24 ta' Marzu 2021 u tintemm fl-24 ta' Settembru 2021 (23:59 ħin ta' Ħelsinki). Il-kumitati xjentifiċi tal-ECHA għall-Valutazzjoni tar-Riskju u l-Analiżi Soċjoekonomika jilqgħu kummenti bikrija sal-5 ta' Mejju 2021 biex jgħinuhom fl-ewwel diskussjonijiet dwar il-proposta f'Ġunju 2021.

Sessjoni ta' informazzjoni online dwar ir-restrizzjoni proposta se ssir fil-15 ta' April mill-11:00 sas-13:00 ħin ta' Ħelsinki. Matul is-sessjoni, l-esperti tal-ECHA se jispjegaw il-mistoqsijiet speċifiċi li jsiru matul il-konsultazzjoni u jiċċaraw kif għandhom jitressqu l-kummenti. Din is-sessjoni se ssir bl-Ingliż u hija miftuħa għal kull min qed jippjana li jieħu sehem fil-konsultazzjoni.

L-ECHA ssottomettiet il-proposta tagħha għar-restrizzjoni taċ-ċomb fil-munizzjon għall-isparar fuq barra u fit-tagħmir tas-sajd fil-15 ta' Jannar u ppubblikatha fit-3 ta' Frar 2021.

### Aktar informazzjoni

- Konsultazzjoni
- Sessjoni ta' informazzjoni online
- Proposta għal restrizzjoni
- Lejn sparar fuq barra u sajd sostenibbli – L-ECHA tipproponi restrizzjonijiet dwar l-użu taċ-ċomb, it-3 ta' Frar 2021
- Suġġetti jaħarqu: iċ-ċomb f'tiri, f'balal u f'piżijiet tas-sajd